

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/1591

tad-19 ta' Settembru 2019

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2019)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fis-26 ta' Lulju 2016, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1633 ⁽²⁾ biex ħatar lis-Sinjura Maria-Cristina STEPANESCU bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Nestor, li kien l-isem oriġinali tal-EUCAP Somalia.
- (3) Fl-10 ta' Diċembru 2018, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1942 ⁽³⁾ estendiet il-mandat tal-EUCAP Somalia sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (4) Fit-18 ta' Diċembru 2018, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/2062 ⁽⁴⁾ biex estenda l-mandat tas-Sinjura Maria-Cristina STEPANESCU bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Somalia sal-31 ta' Awwissu 2019.
- (5) Fid-9 ta' Settembru 2019, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sur Christopher REYNOLDS bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Somalia mill-10 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Christopher REYNOLDS huwa b'dan maħtur bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) mill-10 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020.

⁽¹⁾ ĠUL 187, 17.7.2012, p. 40.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1633 tas-26 ta' Lulju 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (EUCAP NESTOR/1/2016) (ĠU L 243, 10.9.2016, p. 8).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1942 tal-10 ta' Diċembru 2018 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 314, 11.12.2018, p. 56).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/2062 tat-18 ta' Diċembru 2018 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2018) (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 24).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-10 ta' Settembru 2019.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2019.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER
